

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

PROVIŻORJU
2004/0150(COD)

21.9.2006

*****II**

ABBOZZ TA' RAKKOMANDAZZJONI GĦAT- TIENI QARI

dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' deċizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Programm Kulturali (2007-2013)
(6235/3/2006 – C6-0269/2006 – 2004/0150(COD))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Vasco Graça Moura

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error!**
Bookmark not defined.

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Programm Kulturali (2007-2013) (6235/3/2006 – C6-0269/2006 – 2004/0150(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (6235/3/2006 – C6-0269/2006),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari¹ dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Parlament u l-Kunsill (COM(2004)0469)²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0000/2006),
1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Pożizzjoni komuni tal-Kunsill

Emendi tal-Parlament

Emenda 1

Artikolu 8, paragrafu 2, punt (d)

(d) l-appoġġ finanzjarju li jrid ikun provdut mill-Komunità ***fir-rigward ta' kwalunkwe miżura proposta*** skond l-Artikolu 4(1) ***b'kontribuzzjoni totali tal-Komunità ta' 'l fuq minn EUR 200 000***: ammonti, tul ta' żmien, distribuzzjoni u benfiċjarji.

(d) l-appoġġ finanzjarju li jrid ikun provdut mill-Komunità skond l-Artikolu 4(1)(a), ***l-ewwel intestatura (proġetti ta' koperazzjoni plurijennali)***: ammonti, tul ta' żmien, distribuzzjoni u benfiċjarji.

Emenda 2 Artikolu 15

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ

¹ *Testi Adottati* f'din id-data, P6_TA(2005)0397, 25.10.2005.

² Għadu mhux ippubblikat fil-ĠU.

għoxrin jum wara l-jum ta' pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

fil-jum ta' pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

Emenda 3

Anness, taqsima I, punt 2, paragrafu 5 a (ġdid)

Dan il-qasam huwa miftuħ għall-entitajiet appoġġjati mit-tieni qasam tad-Deċiżjoni Nru 792/2004/KE kif ukoll għal kwalunkwe entità oħra attiva fil-livell Ewropew fil-qasam tal-kultura, dejjem jekk jilħqu l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 3 u jikkonformaw mat-termini u l-kundizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni.